



Il-Kummissjoni
Ewropea

L-għalliema u min iħarreġ huma importanti

Kif jistgħu jiġu appoġġati fl-apprendistati ta' prestazzjoni għolja u fit-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol?



Rapport mill-Grupp ta' Ħidma ET 2020 dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali għall-2016-18

Dan ir-rapport jipprovdi:

12-il referenza ta' politika biex jgħinu lil min ifassal il-politika u lill-prattikanti

- Jidentifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-għalliema u ta' min iħarreġ
- Isaħħaħ l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u ta' min iħarreġ
- Iħejji lill-għalliema u lil min iħarreġ għal sfidi ewlenin
- Irawwem il-kollaborazzjoni bejn l-għalliema u min iħarreġ

Firxa wiesgħa ta' eżempji fl-Ewropa kollha biex jispiraw lil dawk li jfasslu l-politika

Ċiklu ta' żvilupp għall-monitoraġġ tal-progress

Għal aktar informazzjoni, għandek issib ir-rapport sħiħ u l-vidjo hawnhekk:

<https://europa.eu/!pb76bD>



Fit-teħid ta' deċiżjonijiet u d-djalogu mal-kumpaniji, inkludu lill-għalliema u lil min iħarreġ għaliex huma l-motivaturi tal-kwalità u r-rabta bejn id-dinja tan-negozju u dik tal-edukazzjoni



Investu fl-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema u f'min iħarreġ u rrikonoxxuh b'mod ugwali għaliex it-tnejn għandhom l-istess għanijiet



Ħejju lill-għalliema u lil min iħarreġ għal dinja li tinbidel kontinwament sabiex jippreparaw kurrikuli u pedagoġija adatta għad-dinja diġitali



Agħtu l-mezzi lill-għalliema u lil min iħarreġ biex jappoġġaw il-bżonnijiet akbar tal-istudent sabiex jgħinu lill-istudenti żvantaġġati u jipprovdu aċċess għall-gwida għall-karriera u għan-netwerks professjonali oħra



Ippromwovu l-iskambju kollaborattiv bejn l-għalliema u min iħarreġ, l-iskejjel u n-negozji biex jiġu stabbiliti sħubijiet li jiksbu l-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-flessibilità